SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Frar 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 3004 — Pilloli effervexxenti li għandhom 500 mg ta' kalċju — Livell ta' sustanza f'doża ta' kuljum irrakkomandata ogħla sewwa mill-konċessjoni ta' kuljum biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali"

Fil-Kawża C-124/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari, skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Hamburg (qorti tal-finanzi ta' Hamburg, il-Ġermanja), b'deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Marzu 2015, fil-proċedura

Salutas Pharma GmbH

vs

Hauptzollamt Hannover,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn R. Silva de Lapuerta, President tal-Awla, A. Arabadjiev, J.-C. Bonichot, C. G. Fernlund u S. Rodin (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Salutas Pharma GmbH, minn M. Niestedt u K. Göcke, avukat,

— għall-Hauptzollamt Hannover, minn T. Röper, bħala aġent,

— għall-gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u A. M. Pálfy, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Caeiros u M. Wasmeier, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382), fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011, tas-27 ta' Settembru 2011 (ĠU L 282, p. 1, iktar 'il quddiem in-"NM").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' tilwima bejn Salutas Pharma GmbH (iktar 'il quddiem "Salutas Pharma"), kumpannija ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni ta' prodotti farmaċewtiċi, u l-Hauptzollamt Hannover (uffiċċju prinċipali doganali ta' Hannover, iktar 'il quddiem l-"uffiċċju doganali") dwar il-klassifikazzjoni tariffarja ta' pilloli effervexxenti li għandhom bħala denominazzjoni kummerċjali "Calcium-Sandoz Forte 500 mg".

Il-kuntest ġuridiku

Is-SA

3 Il-Kunsill għall-Kooperazzjoni Doganali, li sar l-Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana (ODD), ġie istitwit mill-Konvenzjoni li twaqqaf l-imsemmi Kunsill, konkluża fi Brussell fil-15 ta' Diċembru 1950. Is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u kodifikazzjoni ta' merkanzija (iktar 'il quddiem is-"SA") ġiet żviluppata mill-ODD u mwaqqfa mill-Konvenzjoni Internazzjonali dwar is-sistema armonizzata għad-deskrizzjoni u kodifikazzjoni ta' merkanzija (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni dwar is-SA"), konkluża fi Brussell fl-14 ta' Ġunju 1983 u approvata, bil-Protokoll ta' emenda tal-24 ta' Ġunju 1986, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/369/KEE, tas-7 ta' April 1987 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 288).

4 Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni dwar is-SA, kull parti kontraenti timpenja ruħha li n-nomenklaturi tat-tariffi u l-istatistika jkunu konformi mas-SA, li tuża l-intestaturi u s-subintestaturi kollha tagħha, mingħajr żidiet jew modifiki, flimkien mal-kodiċi numeriċi relattivi tagħha, u li ssegwi s-sekwenza numerika tal-imsemmija sistema. Kull parti kontraenti timpenja ruħha wkoll li tapplika r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tas-SA u n-noti kollha tas-sezzjoni, tal-kapitoli u tas-subintestaturi tas-SA, u li ma tbiddilx il-portata ta' dawn tal-aħħar.

5 L-ODD għandha tapprova, fil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni dwar is-SA, in-noti ta' spjega u l-opinjonijiet ta' klassifikazzjoni adottati mill-kumitat tas-SA.

6 L-intestatura 21.06 tas-SA ssemmi "[p]reparazzjonijiet ta' l-ikel li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra".

7 In-nota ta' spjega dwar din l-intestatura tipprevedi:

"Sakemm ma humiex ikklassifikati f'intestaturi oħra tan-Nomenklatura, din l-intestatura tinkludi:

[...]

B) Il-preparazzjonijiet li jikkonsistu, fl-intier tagħhom jew parzjalment, f'oġġetti tal-ikel li jintużaw fil-preparazzjonijiet ta' xorb jew ta' ikel għall-konsum mill-bniedem. Huma wkoll ikklassifikati hawnhekk dawk il-preparazzjonijiet li jikkonsistu f'taħlita ta' prodotti kimiċi (aċidi organiċi, imluħa tal-kalċju, eċċ.) u oġġetti tal-ikel (pereżempju dqiq, zokkor, trab tal-ħalib), intiżi sabiex jiġu inkorporati f'preparazzjonijiet tal-ikel [...]

[...]

B'mod partikolari, huma klassifikati hawnhekk:

[...]

16) Il-preparazzjonijiet indikati ta' spiss taħt l-isem ta' supplimenti tal-ikel, abbażi ta' estratti ta' pjanti, ta' konċentrat tal-frott, ta' għasel, ta' fruttożju, eċċ., miżjuda b'vitamini u xi drabi b'kwantitajiet żgħar ħafna ta' komposti ta' ħadid. Ħafna drabi dawn il-preparazzjonijiet huma ppreżentati f'ippakkjar li jindika li huma intiżi sabiex iżommu l-benesseri tal-bniedem. Il-preparazzjonijiet simili li huma intiżi sabiex jipprevjenu jew ifejqu l-mard jew uġigħ huma esklużi (Nru 30.03 jew 30.04).

[...]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

8 L-intestatura 30.04 tas-SA hija fformulata kif ġej:

"Medikamenti (ħlief oġġetti ta' titlu 3002, 3005 jew 3006) li jikkonsistu fi prodotti mħalltin jew mhux imħalltin għal użi terapewtiċi jew profilattiċi, ippreżentati f'dożi meqjusin (inklużi dawk f'forma ta' sistemi li jingħataw mill-ġilda (transdermali)) jew f'forom jew f'pakki [pakketti] għal bejgħ bl-imnut."

9 In-nota ta' spjega dwar l-intestatura 30.04 tas-SA tipprevedi li l-imsemmija intestatura "ma tkoprix is-supplimenti tal-ikel li jinkludu vitamini jew melħ minerali li huma intiżi li jżommu lill-ġisem b'saħħtu, iżda li ma għandhomx indikazzjonijiet relatati mal-prevenzjoni jew mal-kura ta' marda. Dawn il-prodotti, li normalment huma ppreżentati f'forma likwida, iżda li jistgħu jiġu ppreżentati wkoll f'forma ta' trab jew ta' pillola, ġeneralment jaqgħu taħt in-Nru 21.06 jew taħt il-Kapitolu 22". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

In-NM

10 In-NM hija bbażata fuq is-SA li minnha tirriproduċi l-intestaturi u s-subintestaturi b'sitt figuri, u s-seba' u t-tmien figura biss jifformaw sottotitoli li huma speċifiċi għaliha.

11 Skont l-Artikolu 12(1) tar-Regolament Nru 2658/87, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 254/2000, tal-31 ta' Jannar 2000 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 9, p. 357), il-Kummissjoni Ewropea għandha, kull sena, tadotta regolament li jirriproduċi l-verżjoni sħiħa tan-NM u tar-rati tad-dazju doganali, kif tirriżulta mill-miżuri adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jew mill-Kummissjoni. Dan ir-regolament huwa applikabbli mill-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara.

12 L-intestaturi 2106 u 3004 tan-NM jirriproduċu l-formulazzjoni tal-intestaturi 21.06 u 30.04 tas-SA.

13 Is-subintestatura 3004 90 00 tan-NM hija intitolata "Oħrajn".

14 In-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM tinqara kif ġej:

"Titlu 3004 jinkludi preparazzjonijiet mediċinali mill-ħxejjex u preparazzjonijiet ibbażati fuq dawn is-sustanzi attivi: vitamini, minerali, aminoaċti jew aċti-grassi essenzjali, f'pakki [pakketti] għal bejgħ bl-imnut. Dawn il-preparazzjonijiet huma kklassifikati f'titlu 3004 jekk ikollhom fuq it-tabella, fuq il-pakkett jew fl-istruzzjonijiet għal min jużahom li jkunu magħhom dawn l-istqarrijiet dwar:

(a) il-mard speċifiku, uġigħ jew is-sintomi tagħhom li għalihom għandu jintuża l-prodott;

(b) il-konċentrazzjoni ta' sustanza jew sustanzi attivi li jinsabu fihom;

(ċ) doża; u

(d) mod ta' applikazzjoni.

Dan it-titlu jinkludi preparazzjonijiet mediċinali omeopatiċi meta dawn josservaw il-kundizzjonijiet ta' (a), (ċ) u (d).

Fil-każ ta' preparazzjonijiet bbażati fuq vitamini, minerali, amino-aċti jew aċti-grassi essenzjali, il-livell ta' waħda minn dawn is-sustanzi għal kull doża irrikmandata kuljum indikata fuq it-tabella għandu jkun ogħla sewwa mill-konċessjoni irrikmandata kuljum biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali."

15 In-nota ta' spjega dwar in-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM, li tidher fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata "Noti ta' spjegazzjoni għan-nomenklatura magħquda tal-Unjoni Ewropea" (ĠU 2011, C 137, p. 1, iktar 'il quddiem in-"nota ta' spjega dwar il-Kapitolu 30 tan-NM"), tipprevedi, fil-punt 3 tagħha:

"Preparazzjonijiet ta' vitamini jew minerali huma preparazzjonijiet ibbażati fuq vitamini ta' titlu 2936, fuq minerali inklużi traċċi ta' elementi u taħlit tagħhom. Dawn jintużaw biex jittrattaw jew jipprevenu mard, uġigħ jew is-sintomi speċifiċi tagħhom. Preparazzjonijiet bħal dawn fihom ammont ħafna ogħla ta' vitamini jew minerali, ġeneralment għallinqas tliet darbiet aktar mill-konċessjoni ta' kuljum rakkomandata (RDA).

[...]"

16 Mill-imsemmi punt 3 jirriżulta wkoll li l-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata tal-kalċju hija ta' 800 mg.

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

17 Fit-2 ta' Mejju 2012, Salutas Pharma talbet il-ħruġ ta' informazzjoni tariffarja vinkolanti, għall-pilloli bl-isem "Calcium-Sandoz Forte 500 mg". Hija pproponiet li dan il-prodott ikun ikklassifikat fis-subintestatura 3004 90 00 tan-NM.

18 Il-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa preparazzjoni li l-komponent essenzjali tiegħu huwa l-kalċju, intiż li jiġi inġerit wara li jkun inħall fl-ilma. Kull pillola tinkludi 500 mg ta' kalċju. Informazzjoni dwar dan il-prodott, b'mod partikolari dwar id-doża tiegħu, l-użu tiegħu u s-sustanza attiva tiegħu tidher fuq il-kaxxa tiegħu u fuq l-istruzzjonijiet. Id-doża rrakkomandata hija, għall-adulti, bejn pillola effervexxenti waħda u tlieta, jiġifieri bejn 500 mg sa 1 500 mg ta' kalċju kuljum u, għat-tfal, bejn pillola effervexxenti waħda u tnejn, jiġifieri bejn 500 mg u 1 000 mg ta' kalċju kuljum. L-imsemmija istruzzjonijiet jindikaw li l-pilloli effervexxenti jintużaw għall-prevenzjoni u t-trattament

tan-nuqqas tal-kalċju jew assoċjati mat-trattamenti speċifiċi għall-prevenzjoni u għat-trattament tal-osteoporożi. Salutas Pharma tikkummerċjalizza dawn il-pilloli effervexxenti esklużivament fil-farmaċiji.

19 L-uffiċċju doganali kklassifika l-imsemmi prodott, billi ħareġ informazzjoni tariffarja vinkolanti fit-8 ta' Ottubru 2012, fis-subintestatura 2106 90 92 tan-NM għar-raġuni li l-istess prodott ma jaqax taħt l-intestatura 3004 tan-NM peress li d-doża tiegħu ma tikkorrispondix għal livell ta' konsum ta' kalċju ogħla sewwa mill-konċessjoni rrakkomandata kuljum biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali.

20 Wara rikors ta' Salutas Pharma, imressaq fis-26 ta' Ottubru 2012, l-uffiċċju doganali kkonferma, fit-13 ta' Jannar 2014, id-deċiżjoni ta' klassifikazzjoni tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali fl-intestatura 2106 tan-NM billi qies li l-kundizzjoni fin-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM ma kinitx issodisfatta peress li l-kontenut ta' kalċju fid-doża massima rrakkomandata kuljum tal-prodott inkwistjoni ma kienx it-triplu tal-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata għall-kalċju.

21 Fis-17 ta' Frar 2014, Salutas Pharma ressqet rikors quddiem il-qorti tar-rinviju kontra d-deċiżjoni tat-13 ta' Jannar 2014, billi qieset li n-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM ma hijiex valida peress li hija temenda l-kontenut tal-intestatura tariffarja 3004 tan-NM. Sussidjarjament, Salutas Pharma rrilevat li din in-nota addizzjonali ma teżiġix li l-kontenut ta' kalċju fid-doża rrakkomandata kuljum tal-prodott inkwistjoni għandu bilfors ikun it-triplu tal-konċessjoni ta' kuljum meħtieġa, fid-dawl tal-fatt, b'mod partikolari, li doża ta' kuljum ta' 2 400 mg ta' kalċju, li hija triplu tal-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata, taqbeż il-limitu kritiku għas-saħħa.

22 L-uffiċċju doganali ssuġġerixxa li l-imsemmi rikors għandu jiġi miċħud, għar-raġuni li n-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM hija vinkolanti u li huwa possibbli li jiġi kkonsmat sa 2 500 mg ta' kalċju kuljum mingħajr effetti negattivi għas-saħħa, b'mod illi l-kontenut ta' kalċju fid-doża massima rrakkomandata kuljum tal-pilloli effervexxenti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri 1 500 mg, ma jistax jitqies li huwa "ogħla sewwa", fis-sens ta' din in-nota addizzjonali.

23 Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-imsemmija pilloli jissodisfaw il-kundizzjonijiet imposti mill-punti a) sa d) tal-ewwel paragrafu tan-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM u li, b'hekk, il-klassifikazzjoni tagħhom tiddependi, minn naħa, mill-interpretazzjoni tal-kliem "ogħla sewwa" li jidhru fit-tielet paragrafu ta' din in-nota addizzjonali u, min-naħa l-oħra, mill-interpretazzjoni tan-nota ta' spjega dwar il-Kapitolu 30 tan-NM.

24 F'dan ir-rigward, l-imsemmija qorti tqis li din in-nota ta' spjega tidher li teżiġi li, sabiex preparazzjoni, bħall-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali, taqa' taħt dan il-kapitolu bħala "preparazzjonijiet ta' vitamini jew minerali", il-kontenut ta' vitamini jew ta' minerali ta' din il-preparazzjoni jkun ħafna ogħla, ġeneralment mill-inqas tliet darbiet ogħla, mill-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata. B'hekk, peress li l-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata ta' kalċju hija ta' 800 mg, l-kontenut ta' kalċju fid-doża rrakkomandata kuljum ta' prodott bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jippermetti li jiġi kklassifikat fl-intestatura 3004 tan-NM għandu jkun ta' 2 400 mg. Issa, għall-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali, dan l-ammont huwa ta' 1 500 mg kuljum.

25 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tosserva li dan il-kontenut tal-aħħar huwa ogħla mill-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata ta' kalċju b'iktar minn 85 %. Hija inklinata wkoll tqis li tali kontenut jista' jiġi kklassifikat bħala "ogħla sewwa", fis-sens tan-nota addizzjonali 1 tal-imsemmi Kapitolu 30, minkejja li ma huwiex tliet darbiet ogħla mill-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata. Hija tqis ukoll li n-nota ta' spjega dwar il-Kapitolu 30 tan-NM donnha tirreferi, bl-użu tal-kelma "ġeneralment", għal xi eċċezzjonijiet possibbli. Konsegwentement, skont din il-qorti, ma jistax jiġi eskluż li, għall-klassifikazzjoni ta' prodott fl-intestatura 3004 tan-NM, kontenut f'dan il-prodott ta' vitamini jew ta' minerali inqas mit-triplu tal-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata jista' eċċezzjonalment ikun biżżejjed.

26 Barra minn hekk, l-imsemmija qorti tasserixxi li ma jeżistux, fis-suq, preparazzjonijiet orali li għandhom ammont ta' kalċju tliet darbiet ogħla mill-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata u li ma jistax jitqies li, b'mod ġenerali, l-amministrazzjoni ta' doża ta' kuljum ta' 2 400 mg ta' kalċju ma hijiex ta' ħsara għas-saħħa.

27 Madankollu, l-istess qorti tosserva li, minkejja li diversi elementi jiffavorixxu interpretazzjoni li n-natura "ogħla sewwa" tal-kontenut ta' vitamini jew ta' minerali għandha tkun suġġetta għal evalwazzjoni differenti skont it-tip ta' vitamina jew ta' minerali, rekwiżiti prattiki ta' amministrazzjoni tajba jistgħu jeżiġu li jkun stabbilit limitu ċar u li jista' jiġi vverifikat faċilment ta' dan il-kontenut. F'dan ir-rigward, hija tirrileva li, għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tariffarja tal-prodotti, dawn tal-aħħar ma għandhomx ikunu differenzjati skont il-prattika normali prevalenti fis-suq inkwistjoni jew skont l-użu medikali tagħhom.

28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Finanzgericht Hamburg (qorti tal-finanzi ta' Hamburg) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"In-[NM] għandha tiġi interpretata fis-sens li pilloli effervexxenti b'kontenut ta' kalċju ta' 500 mg f'kull pillola, li jintużaw għall-prevenzjoni u għat-trattament ta' nuqqas ta' kalċju u sabiex ikunu ta' sostenn għal terapija speċjali għall-prevenzjoni u għat-trattament tal-osteoporożi u li d-doża massima ta' kuljum li hija rrakkomandata għall-adulti indikata fuq it-tikketta hija ta' 3 pilloli (= 1 500 mg), għandhom jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 3004 90 00?"

Fuq id-domanda preliminari

29 Preliminarjament, għandu jitfakkar li skont ġurisprudenza stabbilita, fl-interess taċ-ċertezza legali u tal-faċilità tal-kontrolli, il-kriterju deċiżiv għall-klassifika tariffarja tal-oġġetti għandu jitfittex, b'mod ġenerali, fil-karatteristiċi u proprjetajiet oġġettivi tagħhom, kif iddefiniti mill-formulazzjoni tal-intestatura tan-NM u tan-noti tat-taqsima jew tal-kapitolu (ara s-sentenzi Sysmex Europe, C-480/13, EU:C:2014:2097, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata; Vario Tek, C-178/14, EU:C:2015:152, punt 21 u l-ġurisprudenza ċċitata; kif ukoll Amazon EU, C-58/14, EU:C:2015:385, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 B'hekk, in-noti tal-kapitolu tan-NM jikkostitwixxu mezzi importanti sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tat-tariffa doganali komuni u jipprovdu, bħala tali, elementi utli għall-interpretazzjoni tagħhom. Il-kontenut tal-imsemmija noti għandu għalhekk ikun konformi mad-dispożizzjonijiet tan-NM u ma jistax jemenda l-portata tagħhom (ara s-sentenza X u X BV, C-319/10 u C-320/10, EU:C:2011:720, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Barra minn hekk, in-noti ta' spjega mfassla, f'dak li jirrigwarda n-NM, mill-Kummissjoni, u f'dak li jirrigwarda s-SA, mill-ODD, jikkontribwixxu b'mod importanti għall-interpretazzjoni tal-portata tad-diversi intestaturi tariffarji mingħajr madankollu ma għandhom saħħa vinkolanti ta' liġi (ara s-sentenza Data I/O, C-297/13, EU:C:2014:331, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Għandu jiġi kkonstatat li, bħalma jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, ma huwiex ikkontestat li l-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa prodott ibbażat fuq minerali, ippakkjat għall-bejgħ bl-imnut. Il-konċentrazzjoni tas-sustanza attiva, id-doża, il-mod ta' amministrazzjoni, kif ukoll il-mard, l-uġigħ jew is-sintomi tagħhom li dan il-prodott għandu jintuża għalihom, huma indikati fuq il-kaxxa jew fuq l-istruzzjonijiet tiegħu. B'hekk, dan il-prodott jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punti a) sa d) tal-ewwel paragrafu tan-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM.

33 Il-partijiet fil-kawża prinċipali ma jaqblux biss fuq il-punt dwar jekk il-kontenut ta' kalċju fid-doża ta' kuljum irrakkomandata tal-prodott inkwistjoni hijiex "ogħla sewwa mill-konċessjoni irrikmandata kuljum biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali", fis-sens ta' din in-nota addizzjonali.

34 In-nota ta' spjega dwar il-Kapitolu 30 tan-NM hija intiża li tiċċara dan il-kriterju billi tipprevedi li dan ikopri d-doża ta' kuljum irrakkomandata li l-kontenut ta' vitamini jew ta' minerali tagħha huwa "ħafna ogħla [...], ġeneralment għallinqas tliet darbiet aktar mill-konċessjoni ta' kuljum rakkomandata".

35 Għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, l-imsemmija nota ta' spjega, li, bħalma ġie indikat fil-punt 31 ta' din is-sentenza, ma għandhiex saħħa vinkolanti ta' liġi, tipprevedi li prodott, li l-kontenut ta' vitamini jew ta' minerali tiegħu fid-doża ta' kuljum irrakkomandata huwa tliet darbiet ogħla mill-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata, jaqa' taħt l-imsemmi kapitolu fis-sitwazzjoni meta l-kundizzjonijiet l-oħrajn kollha jkunu wkoll issodisfatti. Min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-użu tal-kelma "ġeneralment" li tidher fl-istess nota, din ma teskludix prodotti mill-istess kapitolu minħabba l-fatt biss li l-kontenut ta' vitamini jew ta' minerali fid-doża ta' kuljum irrakkomandata tagħhom ma hijiex tliet darbiet ogħla mill-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata.

36 Konsegwentement, in-nota ta' spjega dwar il-Kapitolu 30 tan-NM ma tistax tiġi interpretata fis-sens li l-kontenut ta' vitamini jew ta' minerali fid-doża ta' kuljum irrakkomandata tal-prodotti magħmula minn dawn is-sustanzi għandu bilfors ikun tliet darbiet ogħla mid-doża ta' kuljum irrakkomandata sabiex tippermetti l-klassifikazzjoni ta' dawn il-prodotti fl-intestatura 3004 tan-NM.

37 Fil-fatt, meta l-kontenut ta' vitamini, ta' minerali, ta' amminoaċidi essenzjali, u ta' aċidi xaħmin tad-doża ta' kuljum irrakkomandata ta' prodott li għandu l-karatteristiċi u l-proprjetajiet oġġettivi ddefiniti mill-formulazzjoni tal-intestatura 3004 tan-NM huwa ogħla sewwa minn dak li huwa meħtieġ jew irrakkomandat għall-ikel ġenerali, huwa għandu jiġi kklassifikat taħt din l-intestatura (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Glob-Sped, C-328/97, EU:C:1998:601, punt 28).

38 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-prodott inkwistjoni fil-kawża prinċipali, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta, fl-ewwel lok, li l-kontenut ta' kalċju fid-doża ta' kuljum irrakkomandata ta' dan il-prodott, jiġifieri sa massimu ta' 1 500 mg, huwa ogħla mill-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata ta' kalċju meħtieġa biex tinżamm is-saħħa jew il-benesseri ġenerali b'iktar minn 85 % u, fit-tieni lok, li l-konsum regolari ta' dożi li l-kontenut ta' kalċju tagħhom huwa tliet darbiet ogħla mill-konċessjoni ta' kuljum irrakkomandata ta' kalċju jista' jkun ta' ħsara għas-saħħa.

39 F'tali ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li l-kontenut ta' kalċju fid-doża massima rrakkomandata kuljum ta' prodott bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa ogħla sewwa minn dak li huwa meħtieġ jew irrakkomandat għall-ikel ġenerali. Sa fejn tali prodott jissodisfa wkoll il-kundizzjonijiet previsti mill-punti a) sa d) tal-ewwel paragrafu tan-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 30 tan-NM, dan jaqa' taħt l-intestatura 3004 tan-NM.

40 Minn dawn il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jirriżulta li n-NM għandha tiġi interpretata fis-sens li prodott, bħall-pilloli effervexxenti li għandhom kontenut ta' kalċju ta' 500 mg kull pillola, użati għall-prevenzjoni u għat-trattament ta' nuqqas ta' kalċju jew relatati ma' trattamenti speċifiċi għall-prevenzjoni u għat-trattament tal-osteoporożi u li d-doża massima ta' kuljum li hija rrakkomandata għall-adulti indikata fuq it-tikketta hija ta' 1 500 mg, jaqa' taħt l-intestatura 3004 tan-NM.

Fuq l-ispejjeż

41 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

In-Nomenklatura Magħquda li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjoni tiegħu li tirriżulta mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1006/2011, tas-27 ta' Settembru 2011, għandha tiġi interpretata fis-sens li prodott, bħall-pilloli effervexxenti li għandhom kontenut ta' kalċju ta' 500 mg kull pillola, użati għall-prevenzjoni u għat-trattament ta' nuqqas ta' kalċju jew relatati ma' trattamenti speċifiċi għall-prevenzjoni u għat-trattament tal-osteoporożi u li d-doża massima ta' kuljum li hija rrakkomandata għall-adulti indikata fuq it-tikketta hija ta' 1 500 mg, jaqa' taħt l-intestatura 3004 ta' din in-nomenklatura.

Firem